MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Appell Civili - Ghawdex Numru. 9/2005/2

**Isabella Borg**
**vs**
**Carmelo Camilleri Furniture Limited**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Bl-Avviz quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi r-rikorrenti Isabella Borg talbet rifuzjoni ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) rapprezentanti depozitu fuq tmien bibien li fihom kien hemm diversi nuqqasijiet.

Is-socjeta' intimata wiegbet li dawn il-bibien ma fihom ebda difett u ghalhekk setghu jitwahhlu.

**Sentenza tat-Tribunal**

B'sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi, it-talba tar-rikorrenti giet milqugha u s-

socjeta' intimata giet ordnata thallas l-ammont ta' Lm300 lir-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha, b'dan li l-bibien kellhom jibqghu propjeta' tas-socjeta' intimata.

**Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell**

Is-socjeta' intimata appellat minn dina s-sentenza quddiem dina l-Qorti diversament presjeduta li b'sentenza taghha tas-6 ta' Settembru 2006 laqghet l-appell tas-socjeta' intimata u hassret s-sentenza tat-Tribunal u in vista ta' dak stabbilit fl-artikolu 22(2) tal-Kap. 378 nominat perit tekniku biex jirrelata dwar it-talba tar-rikorrenti. B'sentenza ohra tad-29 ta' April 2009 moghtija mill-istess Qorti, it-talba tar-rikorrenti giet milqugha, prevja l-adozzjoni tal-perizija teknika, u s-socjeta' intimata giet ikkundannata tirrifondi lir-rikorrenti s-somma depozitata ta' Lm300 ekwivalenti ghall sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) b'dan li l-bibien jibqghu proprjeta' tas-socjeta intimata. L-ispejjez gudizzjarji relattivi kellha tbatihom is-socjeta' intimata.

**Ritrattazzjoni**

Fit-2 ta' Gunju 2009 is-socjeta' intimata pprezentat rikors ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' April 2009 fl-ismijiet fuq imsemmija a bazi ta' l-artikolu 811(l) tal-Kap. 16 li jipprovdi li hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

**Aggravju tas-socjeta' intimata**

L-aggravju tas-socjeta' intimata huwa li l-espert tekniku nominat mill-Qorti ta' l-Appell ma kellux jirrelata dwar id-disinn u s-simetrija uniformi fit-truf tal-bibien – li del resto mhumiex difetti – imma dwar jekk kien hemm difett fil-manifattura. Ghalhekk dak li rrelata fuqu t-tekniku kien kwistjoni ta' gosti u ma kienx mahtur ghalhekk.

Is-socjeta' intimata konsegwentement talbet li dina l-Qorti tirrevoka u tirrexxindi s-sentenza moghtija fid-29 ta' April 2009 u tordna s-smigh mill-gdid ta' l-istess appell.

## Risposta tar-rikorrrenti

L-attrici wiegbet li l-bazi ghal ritrattazzoni mitluba mis-socjeta' intimata ma tissussistix. L-ewwelnett il-fatt kif deskritti fir-rikors tas-socjeta' intimata (paragrafi (4) u (5) tar-rikors huma ghal kollox inkoretti u m'ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjonji. Fit-tieni lok jekk is-socjeta' intimata ma kientx sodisfatta bir-rapport tal-perit tekniku, messha l-ewwelnett eskutit lill-perit, imbaghad talbet in-nomina ta' periti addizzjonali. Fil-mertu, l-attrici tghid li taht l-artikolu 811(l) tal-Kap. 16 l-izball irid ikun (i) zball materjali ta' fatt u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni; (ii) irid ikun zball li jirrizulta mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza, liema zball irid ikun manifest; u (iii) mhux kull zball iwassal necessarjament ghall-possibilita' ta' ritrattazzjoni izda jehtieg li jkun zball li ddetermina d-decizjoni tal-gudikant u kkostitwixxa l-fundament ewlieni tas-sentenza (ara sentenza **Gourmet Company Ltd. vs Vella** deciza fit-28 ta' Jannar 2005).

Skond l-attrici l-bazi tar-ritrattazzjoni tas-socjeta' intimata jikkonsisti proprju fi zball ta' kriterju ta' interpretazzoni fir-rapport tal-perit tekniku. Il-lanjanza tas-socjeta' intimata mhux fuq xi dokument imma fuq dak li rrelata l-espert u eventwalment iddecidiet il-Qorti. Ghalhekk l-attrici talbet li stante li r-rikors huwa frivolu u vessatorju, dina l-Qorti ghandha tapplika s-sanzjonijiet li hemm fl-Artikolu 10, Tariffa A, Skeda A, tal-Kap. 12 u tapplika l-ispejjez addizzjonali.

## Fatti

Ir-rikorrenti kienet qabbdet lis-socjeta' konvenuta tahdmilha tmien bibien u ghamlet depozitu ta' Lm300 akkont tal-prezz. Billi x-xoghol ma sarx a sodisfazzjon ta' l-attrici, f'dina l-kawza, hija talbet ir-rifuzjoni tas-somma depozita.

## Konsiderazzjonijiet

Fil-kaz ta' talba ghall-ritrattazzjoni hu pacifiku li:

(a) Ir-rimedju konsentit mill-istitut ta' ritrattazjoni huwa ta' natura straordinarja ("**Dr. Paul Mallia nomine –vs- Vincenza xebba Camilleri**", Appell Civili, 2 ta' Lulju 1975),
(b) Ir-rimedju hu regolat minn interpretazzjoni strettissima "**Rev. Sac. Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina**", Appell Civili, 18 ta' April 1958),
(c) Il-gudizzju ta' ritrattazzjoni hu maghmul minn zewg stadji distinti, imsejha "rescindente" u "rescissorio". (**Kollez. Vol. XXII pI p. 242**).

L-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jiddisponi li kawza tista' tigi ritrattrata,*"jekk is-sentenza kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.*

*Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita' tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-suppozizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita' tieghu tkun stabbilita' pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza"*.

Ghar-rigward tat-talba bazata fuq zball ta' fatt intqal fil-kawza **"Mifsud vs Zahra**" deciza fit-18 ta' Gunju, 1954 (Vol. XXXVIII.I.323):-

"Illi mill-ezami ta' l-imsemmija dispozizzjoni tal-ligi jirrizulta illi, biex l-izball ta' fatt jaghti kawza ghar-revokazzjoni tas-sentenza, jehtieg, kif jikteb **Mattirolo Vol. IV, Pag. 825):–**

(1) Illi l-izball ikun zball materjali ta' fatt, u mhux zball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni;
(2) Illi l-izball jirrizulta mill-atti u dokumenti tal-kawza, u ghalhekk hija assolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti godda biex tigi fornita l-prova ta' l-izball;
(3) Illi l-istess zball ikun manifest, tali, cioe', li jemergi mis-semplici konfront bejn id-dikjarazzjonijiet tas-sentenza u l-atti u d-dokumenti tal-kawza; b'mod li jkun jidher prodott eskluzivament mis-semplici inavvertenza tal-gudikant;

(4) Illi l-izball ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant; jigifieri illi l-istess zball ikun jikkostitwixxi l-fondament principali tas-sentenza, u ghalhekk ma jkunx hemm lok ghar-revoka tas-sentenza jekk din, ghalkemm vizjata minn zball ta’ fatt manifest tkun tista tigi sorretta b’ragunijiet ohra indipendenti minn dik zbaljata; u
(5) Illi l-ezistenza jew inezistenza tal-fatt li fih manifestament ikun zbalja l-gudikant ma tkunx iffurmat punt ta’ kontroversja jigifieri punt kontradett u diskuss bejn il-partijiet, u li fuqu s-sentenza tkun ippronunzjat.

Fil-kaz in ezami l-Qorti ta’ l-Appell kienet innominat espert tekniku biex jiehu konoxxenza aktar approfondita u specjalizzata tal-fatti rilevanti kontrovertit mill-kontendenti. L-espert eventwalment irriskontra difett fid-disinn tal-faxxa ta’ fuq fit-tmien bibien kommissjonati mill-attrici fis-sens li ma kienx hemm simetrija uniformi fit-truf taghhom u li l-kawza ta’ dan kienet tirrisali ghal bidu tal-process tal-manifattura taghhom meta nqatghu bil-*bandsaw*.

Il-Qorti ta’ l-Appell qablet mal-konkluzzjoni ta’ l-espert minnha nominat u stabbilit illi s-socjeta` intimata m’ adempietx ruhha kif imiss mar-regoli ta’ l-arti u tas-sengha u, allura, ghall-produzzjoni ta’ dak ir-rizultat utli aspettat mill-attrici li kkummissjonatlu x-xoghlijiet. Illi l-konoxxenza tar-regoli teknici kellha tissarraf f’ezekuzzjoni tajba tax-xoghlijiet u b’mod li l-prodott ahhari jkun idoneju u ta’ sodisfazzjon ghall-interess kreditorju tal-parti l-ohra fil-kontrattazzjoni. Dan l-obbjettiv ma ntlahaqx fil-kaz prezenti u jikkostitwixxi inadempiment, jew adempiment inezatt tal-prestazzjoni da parti tas-socjeta` intimata li kien jintitola lill-attrici testingwi r-rapport obbligatorju u tirrikjama lura d-depozitu li hallset.

Illi ghalhekk huwa mehtieg li ‘ssa dina l-Qorti tqis sewwa x’inhu dak li tghid il-ligi sabiex talba ghal ritrattazzjoni tigi milqugha. Il-ligi titkellem b’mod car dwar x’tip ta’ zball irid ikun biex iwassal li sentenza tigi mhassra.

L-aggravju tas-socjeta’ intimata huwa li dak li rrelata dwaru l-espert - difett fid-disinn tal-faxxa – ma hu difett

xejn imma huwa biss kwistjoni ta’ estetika u gosti – u mhux difett fil-manifattura.

Dina l-Qorti ma taqbilx ma’ dak sottomess mis-socjeta’ intimata li dak li rriskontra l-espert ma kienx jammonta ghal difett fil-manifattura. L-espert ikkwalifika n-nuqqas fix-xoghol esegwit bhala difett li jirrisali ghal bidunett fil-manifattura tal-bibien meta nqatgha l-injam. Dan ma kienx biss kwistjoni ta’ gosti imma ukoll kwistjoni ta’ proporzjoni u nuqqas fil-manifattura li jittradduci ruhhu f’difett fil-prestazzjoni tax-xoghol maghmul. Il-Qorti stess imbaghad ikkonfermat dana meta affermat li kien hemm nuqqas ta’ esekuzzjoni tajba tax-xoghol kkummissjonat u ghalhekk l-inadempiment kien jirrizulta.

Jigi rilevat li jekk is-socjeta’ intimata ma’ kienitx kuntenta bil-konkluzzjonijiet tal-espert tekniku, wara l-eskuzzjoni tieghu, messha talbet in-nomina ta’ periti addizzjonali. Ghalhekk dment li l-konkluzjonijiet ta’ l-espert tekniku ma jigux gravament imqeghda fid-dubbju, il-Qorti ghandha taccetta dawk l-konkluzjonijiet, aktar u aktar fejn l-parti interessata, bhal ma gara f’dana l-kaz, ma pprevallietx ruhha mill-fakolta’ lilha moghtija mil-ligi li titlob in-nomina ta’ periti addizzjonali. Fil-fehma tal-Qorti, b’dina t-talba ghal ritrattazzjoni, is-socjeta’ intimata qed tipprova tattakka  l-konkluzzjoni tal-perit tekniku billi ma qablitx maghha. Dina hija pero’ kwistjoni ta’ interpretazzjoni ta’ dak li rriskontra l-espert tekniku u f’kull kaz dan kien il-punt kontestat li gie deciz b’dina l-kawza.

Finalment, skond il-ligi, kawza tista’ tigi ritrattrata, jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ <u>zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.</u> Gie deciz fil-kawza App. **Baldacchino noe vs Pace pro et noe** tat-22 ta’April 2004 li ghall-finijiet ta’ dana l-paragrafu, “dokument” ma jfissirx “xhud” lanqas meta xhud jixhed bil-forma ta’ stqarrija mahlufa. Il-Ligi stess taghmel distinzjoni bejn xhud u dokument, u x-xhieda huma regolati b’mod differenti mid-dokumenti. Ghalhekk f’dan il-kaz il-konkluzzjoni u opinjoni ta’ l-espert tekniku, ma tistax, ai

fini tar-ritrattazzjoni, tigi ekwiparata ma’ dokument jew atti li ssemmi l-ligi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tas-socjeta’ intimata ghar-ritrattazzjoni u ghas-smigh mill-gdid ta’ l-Appell.
Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------